



## Ġabra tal-ġurisprudenza

SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Is-Sitt Awla)

12 ta' April 2018\*

“Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Ambjent – Direttiva 2003/87/KE – Skema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjoni ta' gassijiet serra – Għanijiet – Allokazzjoni ta' kwoti mingħajr ħlas – Leġislazzjoni nazzjonali li tissuġġetta l-kwoti ttrasferiti u mhux użati għal taxxa”

Fil-Kawża C-302/17,

li għandha bħala suġġett talba għal deċiżjoni preliminari skont l-Artikolu 267 TFUE, imressqa mill-Krajský súd v Bratislave (il-Qorti Reġjonali ta' Bratislava, is-Slovakkja), permezz ta' deċiżjoni tal-15 ta' Frar 2017, li waslet fil-Qorti tal-Ġustizzja fl-24 ta' Mejju 2017, fil-proċedura

**PPC Power a.s.**

vs

**Finančné riaditeľstvo Slovenskej republiky,**

**Daňový úrad pre vybrané daňové subjekty,**

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Is-Sitt Awla),

komposta minn C. G. Fernlund, President tal-Awla, J.-C. Bonichot u E. Regan (Relatur), Imħallfin,

Avukat Ġenerali: H. Saugmandsgaard Øe,

Reġistratur: A. Calot Escobar,

wara li rat il-proċedura bil-miktub,

wara li kkunsidrat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

- għal PPC Power a.s., minn M. Škubla, advokát,
- għall-Gvern Slovakk, minn M. Kianička, bħala aġent,
- għall-Kummissjoni Ewropea, minn J.-F. Brakeland u A. Tokár kif ukoll minn A. C. Becker, bħala aġenti,

wara li rat id-deċiżjoni, meħuda wara li nstema' l-Avukat Ġenerali, li l-kawża tinqata' mingħajr konklużjonijiet

tagħti l-preżenti

\* Lingwa tal-kawża: is-Slovakk.

## Sentenza

- 1 It-talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda l-interpretazzjoni tal-Artikolu 1 tad-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-13 ta' Ottubru 2003, li tistabbilixxi skema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra ġewwa l-Komunità u li temenda d-Direttiva 96/61/KE (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 15, Vol. 7, p. 631).
- 2 Din it-talba ġiet imressqa fil-kuntest ta' kawża bejn PPC Power a.s. u Daňový úrad pre vybrané daňové subjekty (l-Amministrazzjoni Fiskali għal Ċerti Persuni Taxxabli, is-Slovakkja) dwar ħlas bil-quddiem tat-taxxa fuq il-kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra allokatu mingħajr ħlas li ma ġewx użati jew li ġew ittrasferiti.

### Il-kuntest ġuridiku

#### *Id-dritt tal-Unjoni*

- 3 Il-premessi 5 u 20 tad-Direttiva 2003/87 jipprevedu:
  - “(5) Il-Komunità u l-Istati Membri tagħha ftiehem li jwettqu konguntemment dawn l-impenji li jnaqqsu l-emissjonijiet antropoġeniċi tal-gassijiet serra fil-kuntest tal-Protokoll ta' Kyoto, skond id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/358/KE (tal-25 ta' April 2002 dwar l-apporvazzjoni f'isem il-Komunità Ewropea, tal-Protokoll ta' Kyoto għall-Konvenzjoni Kwadru tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima u t-twettiq konġunt ta' l-obbligi tiegħu (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 11, Vol. 42, p. 24)). Din id-Direttiva timmira li tikkontribwixxi għat-twettiq ta' l-impenji tal-Komunità Ewropea u ta' l-Istati Membri tagħha b'mod iktar effettiv, permezz ta' suq Ewropew effiċjenti fil-għoti ta' kwoti għall-emissjoni tal-gassijiet serra, bl-inqas tnaqqis possibbli ta' l-iżvilupp ekonomiku u tax-xogħol.

[...]

- (20) Din id-Direttiva trid tinkoraġġixxi l-użu ta' teknoloġija ta' użu iktar effiċjenti ta' l-enerġija, inkluża t-teknoloġija tal-għaqda tas-sħana u l-enerġija, li jiproduċu inqas emissjonijiet għal kull unità tal-produzzjoni, filwaqt li d-direttiva ġejjiena tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-promozzjoni tal-ko-ġenerazzjoni msejsa fuq id-domanda utli tas-sħana fis-suq intern ta' l-enerġija trid tippromwovi b'mod speċifiku t-teknoloġija tal-għaqda tas-sħana u l-enerġija.”
- 4 L-Artikolu 1 ta' din id-direttiva, intitolat “Il-materja tas-suġġett”, jipprovdi:

“Din id-Direttiva tistabbilixxi skema għall-iskambju ta' kwoti għall-emissjonijiet tal-gassijiet serra ġewwa l-Komunità (minn issa 'l quddiem imsja l-iskema Komunitarja) sabiex tippromwovi t-tnaqqis ta' l-emissjoni tal-gassijiet serra b'manjiera effettiva rigward spejjeż u effiċjenza ekonomika.”
- 5 L-Artikolu 3(f) ta' din id-direttiva, intitolat “Id-definizzjonijiet”, jipprovdi:

“operatur’ ifisser kull persuna li tħaddem jew tikkontrolla stallazzjoni jew, meta dan huwa pprovdut fil-leġislazzjoni nazzjonali, li lilha tkun iddelegata s-saħħa ekonomika deċisiva fuq il-funzjonament tekniku ta' l-istallazzjoni.”

6 Skont l-Artikolu 10 ta' din id-direttiva, intitolat "L-ikrant tal-kwoti":

"Għall-perjodu taż-żmien ta' tliet snin li jibda mill-1 ta' Jannar 2005, l-Istati Membri għandhom jallokaw mill-inqas 95 % tal-kwotai mingħajr ħlas. Għall-perjodu taż-żmien ta' ħames snin li jibda mill-1 ta' Jannar 2008, l-Istati Membri għandhom jallokaw mill-inqas 90 % tal-kwoti mingħajr ħlas."

***Id-dritt Slovakk***

7 Il-Liġi Nru 548/2010 emendat il-Liġi Nru 595/2003 li tistabbilixxi t-taxxa fuq id-dħul, billi introduċiet taxxa ġdida fuq il-ġid fuq il-kwoti ta' emissjonijiet mogħtija mingħajr ħlas lill-persuna taxxabbli fuq kont miżmum fir-reġistru tal-kwoti tal-emissjonijiet għas-snin 2011 u 2012.

8 Il-Liġi Nru 548/2010 introduċiet l-Artikolu 51b intitolat "Taxxa fuq il-kwoti ta' emissjonijiet", li kien jipprovdi:

"(1) Għall-finijiet tat-taxxa fuq il-kwoti ta' emissjonijiet, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

- a) 'persuna taxxabbli' hija l-persuna li għandha tipparteċipa fl-iskema ta' skambju li teżerċita attivitajiet bl-applikazzjoni ta' dispożizzjoni partikolari, jew li kien tali parteċipant biss matul parti mis-sena kalendarja kkonċernata,
- b) 'kwoti ta' emissjonijiet irreġistrati' huma kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra allokatu mingħajr ħlas u rreġistrati bl-applikazzjoni ta' leġiżlazzjoni partikolari għall-benefiċċju tal-persuna taxxabbli għas-sena kalendarja kkonċernata, inkluż il-kwoti ta' emissjonijiet miksuba mingħand persuna taxxabbli oħra minħabba x-xiri ta' impriża jew ta' parti minnha, ta' kontribuzzjoni mhux fil-forma ta' flus ta' impriża jew ta' parti minnha, ta' amalgamazzjoni jew diviżjoni ta' kumpanniji jew assoċjazzjonijiet kummerċjali, li din il-persuna taxxabbli l-oħra kisbet mingħajr ħlas bl-applikazzjoni ta' dispożizzjoni partikolari matul is-sena kalendarja kkonċernata;
- c) 'kwoti ta' emissjonijiet ikkonsmati' huma l-kwoti ta' gassijiet serra u l-unitajiet ta' tnaqqis iċċertifikati tal-emissjonijiet (ĊER) irrestitwiti bl-applikazzjoni ta' dispożizzjoni partikolari mill-persuna taxxabbli għas-sena kalendarja kkonċernata;
- d) 'kwoti ta' emissjonijiet ittrasferiti' huma l-kwoti ta' gassijiet serra rreġistrati għall-benefiċċju tal-persuna taxxabbli għas-sena kalendarja kkonċernata u ttrasferiti minnha bl-applikazzjoni ta' leġiżlazzjoni partikolari matul l-istess sena kalendarja, bl-eċċezzjoni ta' kwoti ta' emissjonijiet ittrasferiti lil persuna taxxabbli oħra minħabba l-bejgħ ta' impriża jew ta' parti minnha, tal-kontribuzzjoni mhux fil-forma ta' flus ta' impriża jew ta' parti minnha, ta' amalgamazzjoni jew diviżjoni ta' kumpanniji jew assoċjazzjonijiet kummerċjali; ma jaqgħmx parti mill-kwoti ttrasferiti it-trasferiment bħala garanzija ta' kwoti ta' emissjonijiet irreġistrati għall-benefiċċju tal-persuna taxxabbli li hija debitur, u t-trasferiment tagħhom fid-direzzjoni opposta għall-benefiċċju tal-persuna taxxabbli li huwa l-kreditur, jekk dan it-trasferiment ikun sar bejn l-istess persuni għall-istess volumi u l-istess unitajiet sa mhux iktar tard mill-jum tar-restituzzjoni tal-kwoti tal-emissjonijiet lill-amministratur tar-reġistru bl-applikazzjoni ta' dispożizzjoni partikolari għas-sena kalendarja kkonċernata;
- e) 'kwoti ta' emissjonijiet mhux ikkonsmati għas-sena kalendarja kkonċernata' huma l-kwoti ta' emissjonijiet irreġistrati għas-sena kalendarja kkonċernata li minnhom jitnaqqsu l-kwoti ta' emissjonijiet ikkonsmati matul is-sena kalendarja kkonċernata, l-iffrankar ta' kwoti ta' emissjonijiet ikkonsmati kkalkolat bl-applikazzjoni ta' dispożizzjoni partikolari, u l-kwoti ta' emissjonijiet ittrasferiti matul is-sena kalendarja kkonċernata; ma humiex ikklassifikati bħala kwoti ta' emissjonijiet mhux ikkonsmati dawk il-kwoti ta' emissjonijiet li jaqgħu taħt il-kwoti ta' emissjonijiet irreġistrati għas-sena kalendarja kkonċernata li ġew ittrasferiti lil persuna taxxabbli

oħra minħabba l-bejgħ ta' impriża jew ta' parti minnha, tal-kontribuzzjoni mhux fil-forma ta' flus ta' impriża jew ta' parti minnha, ta' amalgamazzjoni jew diviżjoni ta' kumpanniji jew assoċjazzjonijiet kummerċjali.

(2) Huma suġġetti għal taxxa fuq il-kwoti ta' emissjonijiet il-kwoti ta' emissjonijiet irreġistrati matul is-snin 2011 u 2012.

(3) Il-bażi tat-taxxa fuq il-kwoti ta' emissjonijiet tiġi stabbilita billi jingħaddu flimkien ir-riżultati tal-multiplikazzjoni tal-kwoti ta' emissjonijiet ittrasferiti matul kull xahar kalendarju mal-prezz tas-suq medju tal-kwoti ta' emissjonijiet għal kull xahar kalendarju li jippreċedi x-xahar li matulu ġie mwettaq it-trasferiment tagħhom, mar-riżultati tal-multiplikazzjoni tal-kwoti ta' emissjonijiet mhux ikkonsmati mal-prezz tas-suq medju tal-kwoti ta' emissjonijiet għas-sena kalendarja kkonċernata.

[...]

(5) Ir-rata tat-taxxa fuq il-kwoti ta' emissjonijiet hija ta' 80 % tal-bażi tat-taxxa stabbilita bl-applikazzjoni tal-paragrafi 3 u 4.

[...]

(8) Il-persuna taxxabli għandha tħallas pagamenti bil-quddiem semi-annwali fuq it-taxxa fuq il-kwoti ta' emissjonijiet għas-sena 2011 fl-ammont ta' nofs l-ammont stmat ta' taxxa, f'terminu li jiskadi fit-30 ta' Ġunju 2011 u fil-31 ta' Diċembru 2011. Il-persuna taxxabli għandha tikkalkola l-ammont stmat tat-taxxa billi tapplika r-rata tat-taxxa prevista fil-paragrafu 5 fuq somma ugwali għar-riżultat tal-multiplikazzjoni tal-prezz tas-suq medju tal-kwoti ta' emissjonijiet għas-sena 2010 u mal-kwoti ta' emissjonijiet irreġistrati għas-sena 2011, imnaqqas bil-kwoti ta' emissjonijiet effettivament ikkonsmati fl-2010 u bl-iffrankar tal-kwoti ta' emissjonijiet ikkonsmati kkalkolata bl-applikazzjoni ta' dispożizzjoni partikolari.

(9) Il-persuna taxxabli għandha tħallas pagamenti bil-quddiem semi-annwali fuq it-taxxa fuq il-kwoti ta' emissjonijiet għas-sena 2012 fl-ammont ta' nofs l-ammont stmat ta' taxxa, ikkalkolati fid-dikjarazzjoni fiskali dwar it-taxxa fuq il-kwoti ta' emissjonijiet introdotta għas-sena 2011, f'terminu li jiskadi fit-30 ta' Ġunju 2012 u fil-31 ta' Diċembru 2012.

[...]

(12) Il-prezzijiet medji għall-kwoti ta' emissjonijiet għal kull xahar u għal kull sena kalendarja huma pubblikati mill-[Ministeru tal-Finanzi tar-Repubblika Slovakka] fuq is-sit internet tiegħu."

### **Il-kawża prinċipali u d-domanda preliminari**

- 9 Ir-Repubblika Slovakka introduċiet, fl-ordinament ġuridiku tagħha, taxxa fuq il-kwoti ta' emissjonijiet li daħlet fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2011. Il-bażi ta' din it-taxxa kienet jew il-valur tal-kwoti tal-emissjonijiet ittrasferiti, jiġifieri l-kwoti kkreditati lill-persuna taxxabli u sussegwentement ittrasferiti minn din tal-aħħar, jew inkella l-valur tal-kwoti mhux ikkonsmati, jiġifieri l-kwoti li ma kinux restitwiti sabiex ikopru l-emissjonijiet attwali. Il-valuri tal-kwoti ta' emissjonijiet kemm ittrasferiti kif ukoll mhux ikkonsmati kienu stabbiliti konformement mal-prezz tas-suq medju tal-kwoti ta' emissjonijiet. It-taxxa ġiet miġbura għas-snin 2011 u 2012 bir-rata ta' 80 %.
- 10 Din it-taxxa kienet dovuta għas-sena ta' wara, iżda, matul is-sena taħt reviżjoni, żewġ ħlasijiet bil-quddiem kienu dovuti u kkalkolati abbażi tal-ammont stmat tal-piż tat-taxxa.
- 11 Din l-aħħar miżura tħassret fit-30 ta' Ġunju 2012.

- 12 PPC Power talbet lill-Amministrazzjoni Fiskali għal Ċerti Persuni Taxxabli li tistabbilixxi għal żero euro l-ammont tal-ħlas bil-quddiem tat-taxxa għas-sena fiskali 2011. Insostenn tat-talba tagħha, ir-rikorrenti fil-kawża prinċipali sostniet li l-awtorità fiskali kienet mistennija li ma tapplikax il-leġislazzjoni nazzjonali minħabba n-nuqqas ta' konformità tagħha mad-dritt tal-Unjoni.
- 13 L-Amministrazzjoni Fiskali għal Ċerti Persuni Taxxabli ċaħdet din it-talba u stabbilixxiet għal EUR 300 000 l-ammont tal-ħlas bil-quddiem tat-taxxa dovuta minn PPC Power għall-ewwel nofs tas-sena 2011. PPC Power ħallset dan il-pagament, filwaqt li fittxet rimbors tiegħu, għar-raġuni li t-tassazzjoni tal-kwoti ta' emissjonijiet tmur kontra d-dritt tal-Unjoni. L-Amministrazzjoni Fiskali għal Ċerti Persuni Taxxabli ċaħdet din it-talba għal rimbors.
- 14 Il-Finančná riaditeľstvo Slovenskej republiky (id-Direzzjoni tal-Amministrazzjoni Fiskali tar-Repubblika Slovakka), sussegwentement, ċaħdet ir-rikors ippreżentat mir-rikorrenti fil-kawża prinċipali kontra d-deċiżjoni ta' ċaħda tal-Amministrazzjoni Fiskali għal Ċerti Persuni Taxxabli. Permezz ta' deċiżjoni oħra l-Amministrazzjoni Fiskali għal Ċerti Persuni Taxxabli ordnat lil PPC Power li twettaq ħlas bil-quddiem ta' taxxa f'ammont ta' EUR 300 000 għat-tieni nofs tal-2011.
- 15 Għaldaqstant, ir-rikorrenti fil-kawża prinċipali ppreżentat żewġ rikorsi quddiem il-Krajský súd de Bratislava (il-Qorti Reġjonali ta' Bratislava, is-Slovakkja), diretti, minn naħa, kontra d-deċiżjoni tad-Direzzjoni tal-Amministrazzjoni Fiskali tar-Repubblika Slovakka li ċaħdet it-talba tagħha għar-rimbors tal-ħlas bil-quddiem tat-taxxa għall-ewwel nofs tas-sena 2011 u, min-naħa l-oħra, kontra d-deċiżjoni tal-Amministrazzjoni Fiskali għal Ċerti Persuni Taxxabli, li stabbilixxiet l-ammont tal-ħlas bil-quddiem tat-taxxa dovuta għat-tieni nofs tas-sena 2011.
- 16 F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Krajský súd de Bratislava (il-Qorti Reġjonali ta' Bratislava) iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri quddiemha u li tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domanda preliminari li ġejja:

“L-għanijiet u l-prinċipji tad-Direttiva 2003/87/KE [...], b'mod partikolari i) l-għan ta' tnaqqis ta' emissjonijiet permezz ta' titjib fit-teknoloġiji (Artikolu 1 u premessi 2 u 20), ii) l-għan ta' preservazzjoni tal-iżvilupp ekonomiku u ta' preservazzjoni tal-integrità tas-suq intern u l-kundizzjonijiet ta' kompetizzjoni (premessi 5 u 7), iii) l-għan li jiġi żgurat it-tnaqqis tal-emissjonijiet f'kundizzjonijiet finanzjarjament u ekonomikament vantaġġużi (Artikolu 1), il-prinċipju ta' ċertezza [legali] tal-operaturi kif iddefiniti fl-Artikolu 3(f) li jikkonsisti fil-fatt li l-operaturi għandhom id-dritt, skont l-Artikolu 9 [tad-Direttiva 2003/87] li jibbażaw ruħhom fuq in-natura mhux emendabbli tal-pjan nazzjonali ta' allokkazzjoni ta' kwoti għall-inqas 18-il xahar qabel il-bidu tal-perijodu inkwistjoni (jiġifieri, għall-perijodu 2008-2012, mill-inqas wara t-30 ta' Ġunju 2006), iv) ir-reqwizit li l-kwoti ta' emissjonijiet għandhom jiġu allokatati bla ħlas (Artikolu 10), v) id-dritt tal-persuni msemmija fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 13(3) li jingħataw il-kwoti ta' emissjonijiet ta' sostituzzjoni li huma kienu detenturi tagħhom u li l-Istati Membri ma jannullawx skont l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 13(3) [tad-Direttiva 2003/87], għandhom jiġu interpretati fis-sens li jipprekludu leġislazzjoni nazzjonali ta' Stat Membru li timponi fuq l-operaturi ddefiniti fl-Artikolu 3(f) tad-Direttiva u suġġetti għat-taxxa fit-territorju ta' dan l-Istat Membru l-obbligu li jħallsu taxxa speċjali i) li l-bażi legali tagħha hija l-fatt li hija suġġetta għat-taxxa l-ġestjoni ta' kwoti ta' emissjonijiet (fil-każijiet ta' assenza ta' konsum, u ta' bejgħ) irrISPETTIVAMENT minn jekk, b'din il-ġestjoni, l-operatur jagħmilx profitt, ii) dawn il-kwoti ta' emissjonijiet ġew allokatati lil dawn l-operaturi abbażi tal-Pjan nazzjonali ta' allokkazzjoni ta' kwoti li l-Istat Membru ppreżenta lill-Kummissjoni Ewropea għall-perijodu 2008 - 2012 skont l-Artikolu 9 tad-Direttiva [2003/87], (jiġifieri li jkun ġie nnotifikat lill-Kummissjoni u l-Istati Membri skont l-Artikolu 9(1) tad-direttiva [tad-Direttiva 2003/87], u li ma ġiex miċħud minn din tal-aħħar skont l-Artikolu 9(3) tad-Direttiva [tad-Direttiva 2003/87] u li tipprevedi, skont l-Artikolu 10 tad-Direttiva, li għall-perijodu ta' ħames snin li jibda fl-1 ta' Jannar 2008, 100 % tal-kwoti huma allokatati bla ħlas, iv) ir-rata ta' din it-taxxa tammonta għal 80% tal-bażi taxxabli fuq il-kwoti tal-emissjonijiet, miksuba billi tiżdied il-multiplikazzjoni ta' kwoti tal-emissjonijiet ittrasferiti (mibjugħa) matul kull xahar kalendarju u l-prezz medju tas-suq tal-kwoti ta' emissjonijiet għax-xahar kalendarju ta' qabel ix-xahar li fih sar it-trasferiment, mal-multiplikazzjoni tal-prodott tal-kwoti ta' emissjonijiet mhux ikkonsmati u l-prezz

medju tal-kwoti ta' emissjonijiet għas-sena kalendarja kkonċernata, v) fejn il-prezzijiet medji tas-sugħma kkalkolati bħala sempliċi medja aritmetika tal-aħħar kambju ta' prezzijiet li sar matul jum fil-borża (jiġifieri li t-taxxa ma tiddependix mill-prezz li bih kienu attwalment inbiegħu l-kwoti ta' emissjoni)?”

### Fuq id-domanda preliminari

- 17 Permezz tad-domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk id-Direttiva 2003/87 għandhiex tiġi interpretata fis-sens li tipprekludi leġislazzjoni nazzjonali, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li tintaxxa, sa 80 % tal-valur tagħhom, il-kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra allokatu mingħajr h̄las li ġew mibjugħa jew ma ntużawx mill-impriżi suġġetti għal skema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra.
- 18 Kif jirriżulta mill-Artikolu 1 tad-Direttiva 2003/87, din id-direttiva kellha toħloq skema Komunitarja għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra sabiex tippromwovi t-tnaqqis ta' dawn l-emissjonijiet b' mod effettiv f'dak li jirrigwarda l-ispejjeż u l-effiċjenza ekonomika.
- 19 Barra minn hekk, konformement mal-Artikolu 10 tad-Direttiva 2003/87, l-Istati Membri għandhom jallokaw mill-inqas 90 % tal-kwoti mingħajr h̄las għal perijodu ta' h̄mes snin li jibda mill-1 ta' Jannar 2008.
- 20 L-allokkazzjoni mingħajr h̄las ta' kwoti ta' emissjonijiet tal-gassijiet serra kienet miżura tranżitorja intiża sabiex jiġi evitat telf ta' kompetittività tal-impriżi minħabba l-istabbiliment ta' skema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-17 ta' Ottubru 2013, *Iberdrola et*, C-566/11, C-567/11, C-580/11, C-591/11, C-620/11, u C-640/11, EU:C:2013:660, punt 45).
- 21 Ċertament, ebda dispożizzjoni tad-Direttiva 2003/87 ma tirrestrinġi espressament id-dritt tal-Istati Membri li jadottaw miżuri li jistgħu jaffettwaw l-implikazzjonijiet ekonomiċi tal-użu ta' kwoti ta' emissjonijiet (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tas-17 ta' Ottubru 2013, *Iberdrola et*, C-566/11, C-567/11, C-580/11, C-591/11, C-620/11, u C-640/11, EU:C:2013:660, punt 28 kif ukoll tas-26 ta' Frar 2015, *ŠKO-Energo*, C-43/14, EU:C:2015:120, punt 19).
- 22 Għalhekk, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-Istati Membri jistgħu, bħala prinċipju, jiddeterminaw il-mod kif il-valur tal-kwoti ta' emissjonijiet allokatu mingħajr h̄las lill-produtturi jaffettwa lill-konsumaturi (sentenzi tas-17 ta' Ottubru 2013, *Iberdrola et*, C-566/11, C-567/11, C-580/11, C-591/11, C-620/11, u C-640/11, EU:C:2013:660, punt 29, kif ukoll tas-26 ta' Frar 2015, *ŠKO-Energo*, C-43/14, EU:C:2015:120, punt 20).
- 23 Madankollu, l-adozzjoni ta' tali miżuri ma tistax tippreġudika l-għanijiet tad-Direttiva 2003/87 (sentenzi tas-17 ta' Ottubru 2013, *Iberdrola et*, C-566/11, C-567/11, C-580/11, C-591/11, C-620/11, u C-640/11, EU:C:2013:660, punt 30, kif ukoll tas-26 ta' Frar 2015, *ŠKO-Energo*, C-43/14, EU:C:2015:120, punt 21).
- 24 F'dan ir-rigward, għandu jiġi enfasizzat li, sabiex tilħaq l-għan tagħha tat-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra f'ċirkustanzi ekonomikament effikaċi u bi prestazzjoni tajba, id-Direttiva 2003/87 tibbaża fuq il-valur ekonomiku tal-kwoti sabiex th̄ajjar l-impriżi sabiex inaqqsu l-emissjonijiet tagħhom u tintroduċi, għal dan il-għan, skema ta' skambju tal-kwoti ta' emissjonijiet. Għalhekk, l-impriżi jistgħu jużaw il-kwoti ta' emissjonijiet li ġew allokatu lilhom jew jistgħu jbigħuhom, skont il-valur tagħhom fis-sugħ u l-qligħ li jistgħu jiksbu minnhom (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-17 ta' Ottubru 2013, *Iberdrola et*, C-566/11, C-567/11, C-580/11, C-591/11, C-620/11, u C-640/11, EU:C:2013:660, punti 47, 49 kif ukoll 55).

- 25 Għalhekk huwa neċessarju għall-funzjonament tajjeb ta' din l-iskema li piż impost minn Stat Membru fuq il-valur ekonomiku ta' dawn il-kwoti ta' emissjoni ma jwassalx għal tnaqqis tal-inċentiv sabiex jitnaqqsu l-emissjonijiet ta' gassijiet serra, sal-punt li tneħħih totalment (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-17 ta' Ottubru 2013, *Iberdrola et*, C-566/11, C-567/11, C-580/11, C-591/11, C-620/11, u C-640/11, EU:C:2013:660, punt 58).
- 26 Mill-proċess sottomess lill-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta li t-taxxa Slovakka inkwistjoni fil-kawża prinċipali tammonta għal 80 % tal-valur tal-kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra mogħtija mingħajr ħlas li ma ġewx użati jew li ma inbiegħux.
- 27 Għalhekk, billi telimina kważi l-valur ekonomiku kollu tal-kwoti ta' emissjonijiet, din it-taxxa tammonta għal newtralizzazzjoni tal-mekkaniżmi ta' inċentiv li fuqhom hija bbażata l-iskema tal-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet u, konsegwentement, biex telimina l-inċentivi intiżi sabiex jippromwovu t-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra. Għalhekk imċaħħda minn 80 % mill-valur ekonomiku tal-kwoti ta' emissjonijiet, l-impriża jtilfu kważi l-inċentiv kollu biex jinvestu f'miżuri ta' tnaqqis tal-emissjonijiet tagħhom, li jippermettilhom li jibbenefikaw mill-bejgħ tal-kwoti tagħhom mhux użati.
- 28 Għaldaqstant, għandu jiġi kkonstatat li din it-taxxa għandha bħala effett li tinnewtralizza l-prinċipju tal-allokkazzjoni mingħajr ħlas tal-kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra, previst fl-Artikolu 10 tad-Direttiva 2003/87, u li tippreġudika l-għanijiet segwiti minn din id-direttiva.
- 29 Għaldaqstant, għandha tingħata risposta għad-domanda magħmula li d-Direttiva 2003/87 għandha tiġi interpretata fis-sens li tipprekludi leġiżlazzjoni nazzjonali, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li tintaxxa, sa 80 % tal-valur tagħhom, il-kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra allokatu mingħajr ħlas li ġew mibjugħa jew li ma ntużawx mill-impriżi suġġetti għal skema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra.

### Fuq l-ispejjeż

- 30 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija din il-qorti li tiddeċiedi fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni tal-osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, barra dawk tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux jiġihallu lura.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (Is-Sitt Awla) taqta' u tiddeċiedi:

**Id-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ottubru 2003 li tistabbilixxi skema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra ġewwa l-Komunità u li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 96/61/KE għandha tiġi interpretata fis-sens li tipprekludi leġiżlazzjoni nazzjonali, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li tintaxxa, sa 80 % tal-valur tagħhom, il-kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra allokatu mingħajr ħlas li ġew mibjugħa jew li ma ntużawx mill-impriżi suġġetti għal skema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra.**

Firem